**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Marzu, 2017

Rikors Konġunt Nru : 21/17AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi r-rikorrenti kkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992).

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' sentenza datata 14 ta' Dicembru 2011 mghotija mil-Qorti Civili Sezzjoni Familja liema sentenza qieghda tigi hawn esebita u mmarkata bhala **DOK MG01.**.

Illi r-rikorrenti ilhom erba' snin legalment separati, u ghalhekk jissodisfaw l-artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli li ssir rikonciljazzjoni bejn il-partijiet rikorrenti.

Illi bejn il-partijiet ma hemm ebda kwistjoni ta' manteniment pendenti bejniethom.

Talbu li din il-Qorti sabiex tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijet permezz ta' divorzju, kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet ai termini tal-ligi.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Frar, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-14 ta' Dicembru 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.